# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.3

## Kap 1: Il-pjaċir ta' flimkien

## Lezzjoni 1.3: Miniex gżira

## L-Għanijiet:



## L-istudenti:

1. Jifhmu kif persuni li jħobbuhom tassew jistgħu jgħinuhom isiru aħjar.
2. Jagħrfu l-għajnuna li dawn tawhom fl-esperjenzi li kellhom flimkien.
3. Jiddiskutu l-għaqda u t-tolleranza f'dawn il-gruppi.
4. Jifhmu li l-gruppi magħmula min-nies li jistgħu ma jkunux tal-istess twemmin tagħhom.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



-L-IWB

- Il-Powerpoint

- http://www.youtube.com/watch?v=Hk2NvNPzgv4

  (courage song)

- http://www.youtube.com/watch?v=ZgidfFs-j4M

  (respect song)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi: Ġieli ħassejtukom imbeżżgħa' minn xi ħaġa li qatt m'għamiltu?
- Staqsi Min għenkom biex neħħejtu l-biża'? Għamiltu dak li kellkom tagħmlu?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega li kulħadd jiġi bżonn xulxin. Xi drabi nistgħu nħossuna weħidna jekk ma jkollniex għajnuna.



- Uri powerpoint bi stampi ta' tfal imdejqin u tfal ferħanin. L-istudenti joħorġu d-differenzi bejniethom.
- Staqsi : Min jista' jgħinna u jħobbna biex ikollna l-kuraġġ?

  Mit-tweġibiet li jagħtu t-tfal oħroġ il-punt li l-ġenituri u nies oħrajn li jħobbuna ma jħalluniex weħidna. Se jkunu hemm biex jgħinuna biex insiru aħjar.
- Staqsi lit-tfal kif dawn in-nies li semmew jistgħu jgħinuna f'ħajjitna

  Eż: ġenituri jew dawk in-nies li jieħdu ħsiebna – jaħdmu biex aħna ma jonqosna xejn – min jagħtihom parir – ilestilhom il-ikel- jgħallimhom
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.3 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal  jinqasmu fi gruppi biex jaħdmu Attivita` 1. Wara jsir qsim ta' kif iridu jiġu magħquda s-sentenzi.
- Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi għen lit-tfal jimlew il-vojt
- Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar il-kas mogħti u agħti spazju għat-talb.
- Spiċċa l-lezzjoni billi ssemma' u turi d-diski fuq ir-rispett u l-kuraġġ.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna għandna bżonn xulxin.
2. Min jagħti eżempju tajjeb ikun qed iħobbok daqs min qed jagħtik parir tajjeb.
3. Meta nindunaw li għamilna ħażin, irridu naraw kif inpattu għal dak id-deni li nkunu għamilna.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li japprezzaw il-kwalitajiet ta' xulxin billi jfaħħru lil xulxin.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=Hk2NvNPzgv4

(courage song)

- http://www.youtube.com/watch?v=ZgidfFs-j4M

(respect song)

## Nitolbu

Oħloq talba u għin lit-tfal jitolbu wkoll

fis-skiet kont it-tema tal-lezzjoni.

